MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 31/2000/1

**Jo-Ann Stivala f'isimha proprio u bhala legittima rapprezentatrici u kuratrici "ad litem" ta' binha minuri Nicholas Karl Stivala**

**vs**

**Lorenza u Francis konjugi Dimech**
**Bambi's Playschool Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici tas-7 ta' Jannar 2000 li jghid hekk:

Peress illi filwaqt li l-minuri Nicholas Karl Stivala kien qed jattendi l-Bambi's Playschool f'San Giljan nhar l-14 ta' Jannar 1998 huwa kellu incident u waqa' minn gholi;

Peress illi konsegwenza tal-istess waqa' l-minuri sofra danni materjali u feriti gravi li hallietu b'disabilita ta' natura permanenti, kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi I-attrici sofriet danni materjali;

Peress illi ghall-istess danni u disabilita permanenti huma responsabbli l-konvenuti jew minn minnhom u dana minhabba fil-kaz tal-konvenuta Lorenza mart Francis Dimech, fil-kapacita taghha bhala ghalliema fl-istess skola, b'nuqqas ta' prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja u b'nuqqas ta' hsieb, traskuragni u/jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, b'irresponsabbilta grossolana fix-xoghol li kienet inkarigata Ii taghmel, u b'nuqqas fl-esekuzzjoni tad-doveri taghha u dana meta halliet klassi ta' tfal ta' eta tenerissima minghajr ebda sorveljanza u naqset li tara li ma jkun hemm ebda perikolu ghalihom; fil-kaz tal-konvenut Francis Dimech, fil-kapacita tieghu bhala r-ragel tal-konvenuta u kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom; fil-kaz tas-socjeta konvenuta, bhala propjetarja u/jew amministratrici tal-istess skola, naqset li timpjega persuna ta' hila u/jew ma kellhiex ragun tahseb li hija ta' hila ossia I-konvenuta, kif ukoll l-istess socjeta konvenuta naqset li tipprovdi ambjent ta' skola ghat-tfal ta' eta' tenerissima li ma jikkostitwix perikolu ghalihom b'nuqqas serju ta' sigurta;

Peress illi ghalkemm interpellati sabiex jiddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' danni huma baqghu inadempjenti;

Ighidu ghalhekk il-konvenuti jew minn minnhom ghaliex din I-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-konvenuti jew minn minnhom responsabbli ghall-incident li sehh nhar l-14 ta' Jannar 1998 fejn il-minuri Nicholas Karl Stivala waqa' u wegga gravament u ghad-danni konsegwenzjali kollha sofferti mill-attrici "proprio et nomine".

2. tillikwida d-danni sofferti mill-attrici "proprio et nomine" permezz occorrendo ta' perit nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenuti jew minn minnhom sabiex ihallsu lill-attrici "propio et nomine" dik is-somma hekk likwidata in linea ta' danni.

BI-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' April 1999, u tas-7 ta' Jannar 2000 kontra l-konvenuti millum ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Bambi Playschool Limited li tghid hekk:

Illi in kwantu diretti lejhom il-pretenzjonijiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi impjegaw persuna idoneja fil-kariga in kwistjoni u f'kull zmien wettqu sewwa l-obbligi taghhom fil-gestjoni tal-iskola fejn sar l-incident li ta lok ghal dawn il-proceduri.

Salv kull eccezzjoni ohra spettanti lill-eccipjenti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Lorenza Dimech li tghid hekk:

1. Illi l-eccipjenti Lorenza Dimech mhijiex responsabbli ghad-danni allegati u pretizi fic-citazzjoni stante illi ma uriet ebda nuqqas ta' hsieb, traskuragni u jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u nuqqas ta' attenzjoni lejn id-doveri taghha;

2. Illi l-eccipjenti Francis Dimech ma jista' qatt ikun responsabbli ghaliex qatt ma kellu ebda konnessjoni mal-iskola "de quo";

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ta' Francis Dimech li tghid hekk:

1. Illi Lorenza Dimech mhijiex responsabbli ghad-danni allegati u pretizi fic-citazzjoni stante illi ma uriet ebda nuqqas ta' hsieb, traskuragni u jew nuqqas ta' tharis ta' regolamenti u nuqqas ta' attenzjoni lejn id-doveri taghha;

2. Illi l-eccipjenti Francis Dimech ma jista' qatt ikun responsabbli ghaliex qatt ma kellu ebda konnessjoni mal-iskola "de quo";

3. Illi minghajr pregudizzju l-eccipjent ma jista qatt jinzamm responsabbli u dan a tenur tal-artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti, ir-relazzjonijiet peritali u n-noti ta' sottomissjonijet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghad-danni li qed issir wara li Nicholas Karl Stivala, bin Jo-Ann Stivala li kellu hames snin korra meta kien qieghed l-iskola ta' Bambi's u sofra griehi serji.

Il-fatti saljenti fil-qosor huma s-segwenti.

Nicholas Stivala li meta xehed dwar l-incident kellu tmien snin (fol. 66 et. Seq tal-process) qal illi l-klassi tieghu ma kinitx fil-ground floor izda trid titla' tnax-il targa. Hin minnhom meta t-teacher ma kinitx fil-klassi maghhom, ried imur it-toilet li qieghed barra mill-klassi fl-istess livell. Hu qabad siggu u hadu hdejn il-hadid tat-tarag li hemm fl-indana biex jittawwal jekk kinitx gejja lura t-teacher ha jkun jista' jmur it-toilet u tbaxxa l-quddiem, zelaq u gheleb ghal isfel. Hu zied li fil-bokka tat-tarag kien hemm gate li kien maghluq. Hu zied li ma marx mill-ewwel it-toilet ghax suppost kellu jghid lit-teacher ghax inkella taghtihom punishment. Meta hareg mill-klassi ma kien hemm hadd flok it-teacher tiehu hsiebhom. Hu hareg mill-klassi ghax ma setghax jissaporti ma jmurx it-toilet. Mieghu harget tifla jisimha Ruby, li wissietu ma jitlghax fuq is-siggu ghas-bezghet li jaqa'.

Fil-kontroezami t-tifel qal illi hemm klassijiet ohra ma' genb tieghu u illi fil-klassi ta' ma' genbu kien hemm

teacher, pero ma marx ighidilha li ried imur it-toilet ghax ma kienx jafha, u t-teacher taghhom ma qaltilhomx li jekk ikollhom bzonn xi haga jmuru ghand teacher ohra. Hu qal ukoll illi t-teacher kienet ilha ftit li harget mill-klassi qabel ma hass il-bzonn li jmur it-toilet.

Sar access mill-Qorti fejn Nicholas Stivala ikkonferma x-xiehda li ta quddiem il-Qorti. Pero t-tifla li harget mieghu mill-klassi Ruby White, ghalkemm qablet li kienu studenti wahedhom fil-klassi u li harget ma’ Nicholas mill-klassi, ma qablitx li tela’ fuq siggu izda xxabbat mal-hadid tal-indana tat-tarag billi tella’ saqajh fuq parti mill-hadid u gheleb ghal isfel.

Waqt dan l-access gie kostatat mill-Qorti illi qabel saru xi alterazzjonijiet fit-tarag li kienu jidhru waqt l-access, il-hadid tat-tarag tal-indana kien gholi xi 33 pulzieri u kien hemm xatba tal-injam tal-istess gholi li jaghlaq il-bokka tat-tarag, liema bieba kienet trid tingibed lura biex tinfetah.

Sid l-iskola Maris Anastasio kienet fir-residenza taghha fis-sular ta’ fuq nett tal-iskola meta sehh l-incident billi dik is-sena kienet afdat id-day to day running tal-iskola lil binha Anthony ta’ 42 sena peress li ghalqet 61 sena. Gie ghaliha t-tifel u meta marret sabet l-istudent mal-art f’qiegh it-tarag. Rigward l-istruzzjonijiet meta ghalliem ikollu bzonn jallonta klassi, ix-xhud qalet li ma kienx hemm specific instructions imma jekk jinqala’ l-bzonn, xi hadd iehor jiehu hsieb il-klassi. Rigward x’gara dakinhar tal-incident ix-xhud qalet li t-teacher in kwistjoni Lorenza Dimech keinet nizlet ghal xi karti minghand is-segretarja. Nizlet b’girja ghax hasbet li mhix ser iddum aktar minn minuta. Wara l-incident saru alterazzjonijiet mat-turgien li x-xhud iddeskriviethom qishom gagga, jew habs. Rigward l-ghalliema Dimech qalet li kienet ilha ghalliema xi tlieta jew erba’ snin qabel l-incident u waqfet fl-2002. Hi ghalliema tajba b’inizijattiva u entuzjazmu u qabel dahlet ghalliema kienet taghti xoghol bhala volontarja. Fl-ewwel sular tal-iskola kien hemm erba klassijiet u toilet. Hi ziedet li kienet tiehu sehem attiv fit-tmexxija tal-iskola u sa gimgha qabel l-incident kellha laqgha mal-haddiema u insistiet dwar il-kura tal-istudenti li kellhom jitqiesu qishom

uliedhom. Sena qabel ittiehdu mizuri dwar kif it-tfal jidhlu mill-bitha wara l-break akkompanjati mill-ghalliema u li mhux kull klassi tiehu l-break fl-istess hin. Rigward id-dhul tat-tfal fl-iskola hi qalet illi l-iskola kienet tiftah meta jaslu l-ewwel ghalliema, u t-tfal kienu jinzammu fil-klassi fil-livell terran u ma kienux imorru fil-klassijiet taghhom qabel jigu l-ghalliema. It-tfal ma kienux jithallu jinzlu jew jitilghu tarag jekk mhux akkumpanjati. Rigward hrug ta' ghalliem minn klassi meta kien jinqala' l-bzonn ghax tkun irceviet telefonata, hi jew is-segretarja kienu joqoghdu fil-klassi mat-tfal. F'okkazjonjijet ohra l-ghalliem kien isejjah lis-segretarja Lucienne Spiteri biex toqghod ghassa mal-klassi, altrimenti kienet titlob lil ghalliem tal-klassi ta' hdejha biex taghtihom daqqa ta' ghajn. Din kienet prattika accettata ghalkemm ma kien hemm xejn bit-miktub. Ix-xhud cahdet li s-segretarja kienet titlaq qabel il-hin u thalli l-iskola unsupported specjalment waqt il-hinijiet tal-hrug peress li kien ikun hemm ghalliema ohra tiehu hsieb u anki hi stess fejn kien jinqala' l-bzonn. Wara l-incident saret prassi li fil-bidu tas-sena l-ghalliema kienu jigu avzati biex ghal ebda cirkostanzi ma jibghatu lit-tfal barra mill-klassi wahedhom jew ihallu l-klassi huma stess u safejn ftakret ipprovdew lil ghalliema b'qanpiena biex idoqquha jekk jixtiequ jillargaw mill-klassi biex jattiraw l-attenzjoni. Ziedet li l-klassijiet fl-ewwel sular kienu jinsabu qrib xulxin u fil-hin tal-incident il-klassijiet l-ohra kienu okkupati minn ghalliema. Dwar jekk qattx sar risk assessment jew safety audit fl-iskola, ix-xhud irrispondiet fin-negattiv (din ix-xhieda hi riportata a fol. 107, 245 u 337 tal-process).

Il-konvenuta Lorenza Dimech xehdet illi mhux minnu li t-tfal tal-iskola kienu jistennew isfel meta jaslu u jitilghu mat-teachers ghax kienu jitilghu wahedhom peress li mhux dejjem kien ikun hemm xi hadd mill-awtoritajiet tal-iskola jistennewhom. Dakinhar tal-incident, is-segretarja Lucienne Spiteri li waslet xi t-8.30am talbet lil ghalliema ghal karti tal-ezami li kienu ser isiru xi hmistax ohra. Kellha bzonn l-istationery biex tikkompilahom pero billi kienet mghobbija b'diversi affarijiet ma setghetx ittella' l-karti wkoll u ghalhekk telghet fil-klassi, irregolat il-klassi u l-istudenti u tathom x'jaghmlu. Billi kien hemm student li dejjem kien jasal ftit tard, u ma kinitx tibda l-lezzjonijiet

qabel jigi, tat lit-tfal x'ipingu u nizlet malajr iggib l-istationery mill-ufficju tas-segretarja. Avzat lit-tfal x'kienet ser taghmel. Hadet hsieb li l-bieb tal-gallerija tal-klassi kien imsakkar u ghalqet warajha l-bieb tal-klassi u hi u niezla t-tarag ghalqet il-gate fil-bokka tat-tarag. Dahlet fl-ufficju u dak il-hin kien hemm ukoll ghalliema ohra ghall-istess skop u f'dak il-hin semghet twerzieqa u harget fl-intrata u sabet lil Nicholas mal-art. Dak il-hin hargu wkoll xi ghalliema ohra.

Ziedet li l-iskola qatt ma harget policy dwar kif ghandhom jimxu fit-treggija tal-klassi. Meta kien ikollhom bzonn jillargaw mill-klassi ghal xi raguni, kienu jinfurmaw lil ghalliem tal-klassi ta' ma' genbhom biex jittawlu kull tant hin. Meta xi tifel kien jirrimetti, kien l-ghalliem li jinzel igib is-sawdust biex inaddaf minghajr ma jissejjah ghalliem iehor. Ma kien hemm ebda supervision jew monitoring. Mhux minnu anqas li s-segretarja kienet tkun disponibbli l-hin kollu ghax kien ikollha xogholha u xi l-12.15pm kienet titlaq. Billi hi kienet iddum sas-2.00pm f'dak il-perjodu kienet tkun wahedha u lanqas kien ikun hemm xi hadd mill-management tal-iskola. It-tfal kienu mdorrijin joqghodu wahedhom peress li f'diversi okkazjonijiet kien ikun hemm bzonn li jnaddfu t-tfal ghax jithammgu jew imorru fit-toilet biex inaddfu xi ftit ghax it-tfal ikun ser jizolqu f'xi ilma fit-toilet. Il-cleaners kienu jidhlu wara l-hinijiet tal-iskola. Meta kien ikollha bzonn iccempel xi genitur ta' xi student ma jiflahx, kienet titlaq mill-klassi u thalli t-tfal wahedhom ghax ma kienx hemm soluzjoni ohra.

Kien wara l-incident li l-iskola harget direttiva li t-tfal ma jithallewx wahedhom fit-tarag, fil-playground u barra l-klassi b'kastig minhabba l-assikurazzjoni. Ma kien hemm xejn rigward it-thallija tat-tfal unsupervised fil-klassi.

Qalet ukoll li qatt ma kienu jsiru staff meetings ghal problemi tal-ghalliema izda biss meeting wiehed fis-sajf qabel tibda l-iskola. Ziedet li ma kienx ikollhom break jew mistrieh ghax ikunu mat-tfal il-hin kollu anki waqt il-break taghhom stess.

Fil-kontroezami xehdet li kellha xi 45 sena meta sehh l-incident u qabel ma hadmitx fi skola ghax kienet tiehu hsieb uliedha. Kienet tghallem kinder u f'dik is-sena tal-incident kienet bdiet full time. Rigward il-karti li kellha bzonn biex tikkompila l-karti tal-ezami qalet li dak il-hin is-segretarja kienet hdejn il-bieb tiehu hsieb it-tfal li gejjin ghall-iskola u ghalhekk telghet mit-tfal taghha fil-klassi mghobbija bl-affarijiet taghha. Ziedet li ma setghetx tmur ghal karti wara l-iskola ghax f'dak il-hin is-segretarja tkun gia telqghet. L-istudenti taghha kienu jiehdu l-break biss fin-nofs siegha ta' wara nofsinhar. Mindu hi dahlet fil-klassi bit-tfal sakemm nizlet ghal karti ghaddiet xi kwarta u dak il-hin il-klassijiet l-ohra kienu okkupati. Ma avzatx xi ghalliem iehor li ser tillarga mill-klassi ghax meta dan ikun ghal perjodu qasir hafna, ma kienx jaghtu avviz. It-tfal kienu mdorrijin joqghodu wahedhom, u ma setghetx tavza lil Lucienne Spiteri li niezla ghax ma kienx hemm mezz ta' kommunikazzjoni.

Wara l-incident saru diversi kambjamenti ta' sigurta fl-iskola fosthom l-gholi tar-railings, ilqugh tal-hadid, grada aktar sikura fit-tarag. Ingiebet qanpiena barra mill-klassi biex meta ghalliem ikun ser jillarga, din tindaqq. Meta titlaq is-segretarja mix-xoghol, kien jissostitwiha bint is-sid jew ghalliem iehor. Meta sehh l-incident keinet ilha ftit minuti biss barra mill-klassi. Ix-xhieda taghha hi riportata a fol. 228 u 342 tal-process.

Caroline Galea, ghalliema fl-iskola xehdet illi kienet tghallem fil-pjan terran u meta kien jehtieg li johorgu mill-klassi ghal qasir zmien, ma kienux javzaw lis-segretarja. Fil-fatt dakinhar kienet fil-kuridur ghax kienet sejra ghand is-segretarja meta rat lil Nicholas jitgerbeb l-ahhar ftit targiet. Qabel l-incident is-segretarja kienet titlaq kif jispiccaw tal-kindergarten fl-12.30pm mentri wara l-incident kien jithalla xi hadd iehor in charge. Fiz-zmien li kienet tghallem l-iskola, generalment hi kienet tiftah l-iskola u wara li titlaq is-segretarja u jigi xi hadd, kienet tiftahlu hi.

Safejn taf meta xi ghalliem ikollha bzonn xi haga wara li titlaq is-segretarja kienet tmur hdejn it-tarag u tghajjat ghal

ghajnuna. Meta kien jinqala' kaz urgenti ta' xi tifel ma jiflahx kienet tohrog hi bih mill-klassi bla ma titlob ghajnuna ghax ma kienx ikun hemm hin.

Wara l-incident saru tibdiliet kemm strutturali u anki fil-komportament mal-istudenti kif xehdet il-konvenuta.

Fil-kontroezami qalet li kienet eccezzjoni li ghalliem johrog mill-klassi u illi r-regola kienet li tissejjah is-segretarja meta kien ikollhom bzonn johorgu mill-klassi. Meta kien ikollha bzonn taghmel qadja qasira ma kinitx tinforma lil ghalliema ta' ma' genbha specjalment meta din kienet tkun impenjata. Hi kienet konxja li gieli harget mill-klassi minghajr ma avzat lil hadd u tiftakar li sid l-iskola kienet tinsisti maghhom dwar l-attenzjoni li kellhom jaghtu lill-istudenti, u kienet tkun attivament prezenti fl-iskola. Ix-xhieda taghha hi riportata a fol. 352 tal-process.

L-ghalliema Ann Dimech li kienet isfel fl-intrata fil-hin tal-incident b'xi tfal zghar hafna fil-kura taghha xehdet illi ma ratx lil Nicholas jaqa' minn fuq ghal isfel izda ratu niezel l-ahhar targiet b'gismu mal-hadid tat-tarag niezel imgenneb u illi f'mument minnhom meta harset ratu jitlef il-qabda mat-tarag u jitgerbeb. Ix-xhieda taghha hi riportata a fol. 271 tal-process.

L-ghalliema Nathalia Bartolo xehdet li qatt ma kellhom struzzjonijiet jew rakkomandazzjonijiet x'ghandhom jaghmlu meta jridu jhallu l-klassi bl-istudenti fiha. Meta kienet titlaq is-segretarja fl-12.30pm kienu jibqghu hi, il-konvenuta u Caroline Galea bil-klassijiet taghhom. Ghamlet hames snin fl-iskola u l-ahhar tlieta kellha tfal ta' seba' snin. Kien hemm okkazjonijiet fejn kellha titlaq klassi biex tiehu hsieb xi student minhabba emergenza. F'cirkostanzi ohra kienet tipprova ttawwal u tara ssibx ghalliem li jiehu hsieb il-klassi. L-ghalliema l-ohra kienu jaghmlu l-istess. Ix-xhieda taghha hi riportata a fol. 317 tal-process.

Lucienne Spiteri, is-segretarja xehdet li l-prassi hi li t-tfal imorru fil-klassi mal-ghalliem taghhom. Hi tidhol fl-ufficju taghha meta t-tfal imorru fil-klassijiet. Min hin ghal hin jigu xi ghalliema jitolbu xi haga. Dakinhar tal-incident kien hemm il-konvenuta Dimech fl-ufficju taghha u semghu lil xi hadd ighajjat li waqa' tifel. Normalment meta ghalliem irid johrog mill-klassi jew isejjah lilha jew ighid lil ghalliem fil-klassi ta' ma' genbu biex jiehu hsieb. Dakinhar il-konvenuta nizlet ghal xi photocopy paper biex tipprepara xi karti tal-ezamijiet. Ma sejhitilhiex biex toaqghod mal-istudenti sakemm tinzel. Dakinhar l-ghalliema kollha kienu on duty.

Rigward il-prassi kif it-tfal jitilghu fil-klassi meta jaslu l-iskola, ix-xhud qalet li qatt ma kienu jitilghu mhux akkumpanjati. Fil-hin tal-break ta' xi kwarta fl-ghaxra ta' fil-ghodu, it-tfal jibqghu fil-klassi mat-teacher. Dan japplika ghal kindergarten. Ghal primary bhal ma kien Nicholas jkollhom zewg breaks. It-tieni break ta' nofs seigha ma jsirx fil-klassi izda fil-playground pero bis-supervision tal-ghalliem tal-klassi. Tal-primary jispiccaw x' is-2.00pm u jinzlu mat-teacher. F'kaz ta' bzonn li ghalliem jillarga jew isaqsi lil ghalliem tal-klassi ta' ma' genbu jew ighajjat lilha u hi dejjem disponibbli.

L-incident sehh kmieni qabel bdew il-lezzjonijiet. Rigward hinijiet tax-xoghol taghha qalet li gieli damet sas-2.00pm skond il-bzonn. Hi xehdet a fol. 87, 176 u 360 tal-process.

Ir-rapport tal-health and safety wara l-incident riportat a fol. 28 tal-process semma' illi l-vireg tat-tarag kienu sors ta' periklu billi tifel seta' jixxabbat maghhom billi jqieghed saqajh fuq il-gnub imqabbza tal-vireg. L-gholi tal-hadid hu ta' 80 centimetru. Irrikmanda fost affarijiet ohra illi jsiru alterazzjonijiet biex it-tfal ma jkunux jistghu jinxabtu mat-tarag u x-xatbiet tal-bokok tat-tarag jsiru oghla u li tinghalaq. F'rapport sussegwenti (fol. 34 tal-process) dawn l-alterazzjonijiet jidhru li saru.

**Konkluzjonijiet fattwali**

Jidher pacifiku illi Nicholas Stivala waqa' minn gholi fl-iskola ta' Bambi f'mument meta l-ghalliema Lorenza Dimech kienet barra mill-klassi u kienet tinstab fl-ufficju tas-segretarja fil-pjan terran. Jidher ukoll illi l-klassi primarja fejn kien jinsab Nicholas Stivala qabel l-incident thalliet minghajr supervizjoni meta l-istess Lorenza Dimech nizlet iggib xi karti mill-ufficju tas-segretarja biex tibda tikkompila l-karti tal-ezami. Jidher ukoll li l-incident sehh fil-hin wara li l-istess Lorenza Dimech harget mill-klassi fl-ewwel sular tal-iskola li kienet dar irrangata biex tiffunzjona bhala skola biex nizlet isfel fl-ufficju tas-segretarja, kif fuq inghad. L-incident sehh xi minuti qabel ma bdiet il-gurnata skolastika fid-9.00am.

Mhux car kif sehh ezatt l-incident billi Nicholas Stivala jghid li hu hareg siggu mill-klassi fejn poggih mal-hadid tat-tarag fl-indana u tela' fuqu biex jara kinitx gejja lura l-ghalliema billi ried imur it-toilet u ma kellhomx dritt johorgu mill-klassi bla permess mentri studenta ohra Ruby tghid li Nicholas ixxabbat mal-hadid tat-tarag tal-indana u gheleb ghal isfel filwaqt ghalliem fl-iskola certu Ann Dimech li kienet fl-intrata isfel meta sehh l-incident qalet li rat lil Nicholas niezel izomm mal-hadid tat-tarag imgenneb b'sidru lejn l-istess hadid u f'daqqa ratu jitgerbeb. Ir-relazzjoni tal-perit Aquilina li tinsab a fol. 117 tal-process mhix cara bizzejjed biex tindika b'certezza kif sehh l-incident.

Hi l-fehma tal-Qorti illi kemm jekk Nicholas gheleb mill-indana ta' fuq ghal isfel, li tidher l-aktar verzjoni plausibbli billi ma hemmx raguni ghalfejn tifel ta' tmien snin (meta xehed) u tifla tamparu ghandhom jivvintaw storja, jew jekk tgerbibx mal-hadid tat-tarag meta pprova jinzel isfel, jibqa' l-fatt illi Nicholas tifel ta' hames snin meta sehh l-incident kien inkustodit u inosservat fil-hin li kien fl-iskola.

**Konsiderazzjonijiet legali**

Il-konsiderazzjonijiet legali li johorgu minn din it-tip ta' kawza huma ben elucidate f'zewg sentenzi li din il-Qorti tirreferi ghalihom cioe **Neil Cassar et vs L-Onor. Ministru tal-Intern et**, deciza mill-Prim' Awla per Imhallef

Philip Sciberras fis-17 ta' Marzu 2004 u **Patrick Bezzina et vs Ministru al-Edukazzjoni u Risori Umani et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Ottubru 2008.

Din il-Qorti taghmel piena referenza ghal principji li sawwru l-vertenzi fuq imsemmija rigwardanti incidenti skolastici fejn zewg studenti gew feruti wiehed waqt li kien fil-klassi f'hin mhux kustodit mill-ghalliem (ta' Bezzina) u l-iehor barra l-iskola fl-artijiet ta' madwar f'hin qabel tibda l-iskola (ta' Cassar).

Fiz-zewg kawzi, u kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Bezzina:
Hekk kif min ihaddem ghandu obbligu li jipprovdi *a safe system of work* ghall-impjegati tieghu, u d-dmir li jipprovdi sorveljanza adegwata sabiex l-ambjent tax-xoghol ma jkunx konducenti ghal-kwalunkwe forma ta' incident li jippregudika lill-impjegati tieghu … hekk f'kaz ta' skola, dawk kollha li jezercitaw funzjoni edukattiva ghandhom fost l-*iprem dover* dak ta' vigilanza u tas-sorveljanza tat-tfal li ttutela taghhom tkun giet fdata lilhom.

Gie osservat *a propositu* mill-*Corte di Cassazione* fl-Italja b'sentenza tas-7 ta' Novembru, 2000 (kaz numru 14448) illi:

*"l'amministrazione scolastica e` direttamente responsabile, in virtu del rapporto del collegamento organico con essa del personale dipendente, del danno che sia cagionato al minore nel tempo in cui e` sottoposto alla vigilanza del detto personale. L'onere probatorio del danneggiato, in tale ipotesi, si esaurisce nella dimostrazione che il fatto si e` verificato nel tempo in cui il minore e` affidato alla scuola, essendo cioe` sufficiente a rendere operante la presunzione di colpa per inosservanza dell'obbligo di sorveglianza, mentre spetta all'amministrazione scolastica la prova liberatoria che e` stata ezercitata la sorveglianza sugli allievi con una diligenza idonea ad impedire il fatto".*

Il-Qorti tqis illi din ir-responsabilta ta' sorveljanza hi derivanti minn obbligu kontrattwali li nholoq meta l-iskola

cioe s-socjeta Bambi’s School Limited fethet il-bibien taghha ghall-istudenti, u sta ghall-istess skola li tezimi ruhha mir-responsabilta. Kif ziedet il-Qorti fil-kawza Cassar:
fl-ordinament guridiku taghna ma tezisti l-ebda disposizzjoni tal-ligi li tirregola *ad hoc* r-responsabilita` ta’ l-Awtoritajiet, edukattivi u mhumiex, u wiehed ikollu jirrikorri ghan-normi generali *in subjecta materja* traccjati fil-ligi komuni, ossija fil-Kodici Civili;

Dan ifisser kif qalet l-istess Qorti illi l-amministratur tal-iskola jista’ f’cirkostanzi konguri jkun ukoll responsabbli wahdu jew flimkien mal-impjegati tieghu ghad-danni:
“Dan proprju bhala konsegwenza ta’ mal amministrazzjoni provata jew inadegwatezza amministrattiva li tkun tammonta ghal traskuragni, negligenza jew inosservanza ta’ dawk in-normi li l-amministrazzjoni xierqa ta’ hwejjeg pubblici kienet tissuggerixxi u li n-nuqqas ta’ tharis taghhom seta’ jkun il-kawza ta’ dannu lic-cittadin.”

Ma hemm xejn fl-ordinament guridiku taghna li diversi konvenuti ma jistghux jinzammu responsabbli f’azzjoni wahda min ghal ksur kontrattwali u min ghal ksur akwiljana.

Il-Qorti mhix ser tiddelunga aktar fuq l-aspett legali billi il-kawzi fuq citati huma altru milli ezawrjenti fuq il-punt.

**Konkluzjonijiet fuq il-provi**

Kunsidrati dawn il-kwistjonijiet legali ghal fatti li hargu mill-kawza jidher illi kien hemm nuqqas lampanti fl-amministrazzjoni skolastika f’dawk li jirrigwarda mizuri ta’ sigurta fl-iskola, mizuri li gew ratifikati wara l-incident u li sid l-iskola rriferiet ghalihom bhala ‘gagga’ jew ‘habs’. Din il-Qorti tqis li ahjar ikollok ambjent ta’ gagga jew habs jekk ma ghandekx binja adebita mill-bidu bhala skola, milli tifel immankat b’incident frott ta’ nuqqas ta’ previzjoni naturali ta’ dak li jista’ jsehh.

Il-Qorti tqis illi l-eta tenera tal-attur minnha nfisha gia poggiet oneru akbar fuq l-iskola li telimina kull fonti ta’

periklu. Tfal ta’ hames snin ma ghandhomx ebda sens ta’ periklu u l-periklu jrid jigi eliminat a priori mhux wara l-fatt kawza ta’ dannu. Is-sbuhija tal-binja ma ghandha ebda mertu f’dan il-kaz. Hu evidenti illi l-binja cioe dar antika ma kinitx adebita bhala skola u intiza ghal kumulu ta’ tfal. Jidher li l-uzu tad-dar inbidel ghal skola bla alterazzjonijiet strutturali tali li jirriflettu tali uzu. F’dan il-kaz il-klassi ta’ Nicholas kienet fl-ewwel sular. Il-hadid tat-tarag fl-indana u tul it-tarag kien gholi biss inqas minn metru b’nokkli tal-hadid fil-qiegh tieghu li hu tentazzjoni ghal kull tifel li jitla’ mieghu u jixxabbat jew jinzel mieghu t-tul kollu tat-tarag. Dan hu tentazzjoni ghat-tfal specjalment is-subien. Incident f’dawn ic-cirkostanzi seta’ sehh fi kwalunkwe hin ghax mhux facli tikkontrolla ghexrien ta’ tfal jekk ma jkollokx sistema ta’ kontroll polizjesk li zgur ma kienx il-kaz f’din l-iskola.

Anke jekk Nicholas ma waqax minn fuq ghal isfel billi hareg siggu mill-klassi u xxabbat minn fuqu ghal isfel fl-indana, ma kienx hemm sigurta fil-bokka tat-tarag, jekk ghal grazzja tal-argument beda niezel l-ewwel sular mal-hadid tat-tarag. Dan peress illi x-xatba li kien hemm fil-bokka ma kinitx tissakkar izda jekk migbuda l-gewwa tinfetah u kienet gholja biss daqs il-hadid tat-tarag.

In oltre ghalkemm l-amministrazzjni tal-iskola sahqet li kien hemm policy cara li l-klassijiet ma jithallewx inkustoditi, il-fatti juru li anki jekk tali policy kienet ezistenti, ma kienx hemm mezzi adegwati biex tigi prattikata b’mod sikur. Il-Qorti tqis li ma kienx hemm bzonn policy biex ghalliem ma jhallix klassijiet ta’ tfal zghar wahedhom pero emergenzi jinqalghu u bzonnijiet ukoll. F’dan il-kaz il-fatti urew illi kien hemm segretarja wahda fl-iskola li kienet toqghod flok l-ghalliem jekk dan ghandu bzonn jillarga mill-klassi. Pero in prattika ma kienx hemm mezz ta’ komunikazzjoni dirett bejn l-ghalliem u segretarja hlief li wiehed johrog ighajjat fl-indani li ghandu bzonn l-ghajnuna. Jekk tinqala’ emergenza bhal per ezempju tifel jew tifla jkollu bzonn ghajnuna ghax hassu ma jiflahx jew ikun ma jiflahx fil-klassi u jirremitti, l-ghalliem ma ghandux opzjoni ohra hlief li jew jakkumpanja l-istudent sat-toilet jew imur ifittex ghajnuna u jhalli l-klassi wahedha. Hu

minnu illi inghad fil-provi illi ghalliem seta' jmsur fil-klassi ta' ma'genbu biex dak l-ghalliem jehodlu hsieb il-klassi sakemm jillarga pero dan kien pjuttost mod debboli ta' kif issolvi problema billi ghalliem ma jistax jiehu hsieb zewg klassijiet fl-istess hin specjalment jekk ikun f'nofs lezzjoni u minghajr ma jhalli klassi biex imur f'ohra.

Jidher car illi fl-iskola la kien hemm safety measures adegwati tenut kont tal-eta tenera tat-tfal u anqas staff jew mizuri adegwati u prattici biex ghalliem jigi relieved ghal ftit hin meta jinqala' l-bzonn li jallarga mill-klassi. Il-Qorti tqis illi irrizulta mix-xiehda illi l-ghalliema ma kellhom ebda hin allokat lilhom li jkunu jistghu jiehdu break wahedhom ghaliex fil-kindergarten il-break kien isir fil-klassi bl-ghalliem jibqa' fil-klassi u ghal primarja l-ghalliem kien jinzel fil-bitha mal-istudenti. Segretarja wahda u sid l-iskola meta kienet tkun disponibbli ma kienux adegwati biex jaghtu sostenn lil ghalliema biex dawn jallargaw minn klassi u jibqghu taht ghajnejn xi hadd responsabbli fl-intervall.

Il-Qorti tqis illi l-iskola naqset serjament fid-dover primarju li tipprevjeni kull periklu ragonevoli u riskju ghat-tfal zghar fil-kustodja taghha kemm ghal dak li hu l-binja u kemm ukoll ghal support staff biex jigi assigurat li ma jkunx hemm ebda cirkostanzi li t-tfal jithallew wadhedhom. Ghalhekk hi l-fehma tal-Qorti illi l-iskola ghandha tirrispondi ghal dan l-incident sfortunat li seta' gie evitat.

B'danakollu l-Qorti tqis illi l-agir tal-ghalliem Lorenza Dimech ma hix nieqes minn parti mir-responsabilta ghalkemm mhix fl-istess livell tal-amministrazzjoni skolastika. L-ghalliema naqset meta qabdet u halliet klassi ta' tfal zghar wahedhom bla ma anqas avzat lil ghalliema tal-klassi ma' genbha biex nizlet tigbor ftit karti biex tikteb fuqhom. Din ma kinitx emergenza li jgeghlha titlaq mill-klassi jew raguni impellenti li ma setghetx tevita. Dawn il-karti setghu ingiebu f'hin iehor anki bi ftehim mas-segretarja li setghet gabithomla kumdita taghha billi kif qalet l-istess Lorenza Dimech l-ezamijiet kienu ghadhom gimghatejn boghod. Hadd ma impona fuq il-konventua biex titlaq mill-klassi u tmur taghmel din il-qadja, qasira

kemm kienet qasira l-qadja, u obbidjenti kemm huma obbidjenti l-istudenti. Dawn kienu tfal zghar hafna, mhollijin wahedhom, bla supervizjoni, u f'ambjent li kif gia nghad kien nieqes gravament mis-sigurta necessarja ghal nuqqas ta' hsara ghalihom. L-ghalliema kienet negligenti u naqset fid-dover taghha ta' kura u vigilanza lejn l-istudenti afdati lilha fil-klassi. Ghalkemm hu minnu illi ma kienx hemm prattici tajba biex ghalliem jallarga minn klassi, pero l-agir tal-konvenuta kien nieqes minn tali dehen necessarju ghax qabel kollox, l-obbligu primarju taghha kien lejn dawk it-tfal zghar afdati lilha fil-klassi fil-hinijiet tal-iskola.

Meta l-Qorti qieset dan kollu, xorta tqis illi l-amministrazzjoni skolastika kellha l-akbar oneru li safejn hu possibbli u prevedibbli taghmel dak kollu possibbli ghas-salvagwardja tat-tfal fl-iskola, u b'mod anqas gravi, l-ghalliem ma jpoggix lil istudenti fil-possibilta li jistghu jaghmlu hsara lilhom infushom bl-agir taghhom li tenut kont tal-eta ckejkna, hu dejjem wiehed imprevedibbli.

Ghalhekk il-Qorti tqis li l-iskola ghandha tirrispondi ghal tlett kwarti tad-danni subiti minn Nicholas Stivala u Lorenza Dimech ghal kwart.

Il-Qorti tqis li Francis Dimech ghandu jirrispondi ma' martu ghal hsara billi dan hu dannu li jispetta lil komunjoni tal-akkwisti billi l-artikolu 1327(f) tal-Kap. 16 ma japplikax ghad-dannu kommess mill-konvenuta billi ma jikkostitwix reat kommess volontarjament.

**Danni**

Kif inghad Nicholas Stivala kellu hames snin meta sehh l-incident. Illum ghandu 20 sena. Din il-kawza geit quddiem din il-Qorti fl-ahhar tal-2010 meta kienu qed isiru valutazzjonijiet min perit medici addizjonali fuq certi aspetti tad-danni subiti min Nicholas Stivala.

Jirrizultaw zewg rapporti ta' esperti medici f'qasam divers wiehed a fol. 144 tal-process datat 28 ta' Settembru 2000 li jitratta d-debilita fizika ta' Nicholas Stivala. Il-

konkluzjonijiet tat-tobba Ivan Vella, Norbert Vella u Fredriech Zammit Maempel ighid hekk:
Mill-ezami jirrizultalna:
1. It-tielet u parti mdaqqsa mir-raba nerv kranjali tax-xellug ma jiffunzjonawx u ghalhekk in-nuqqas ta' vista u twerrig f'ghajnejh ix-xellugija.
2. Hsara fil-mohh f'diversi livelli, li kkagunat nuqqas ta' kontroll u funzjoni tax-xellug ta' gismu, u nuqqas ta' potenzjal ta' taghlim (damaged higher learning centres).
Nicholas Stivala mhuwiex mistenni jirkupra dawn il-facilitajiet mitlufa. Fil-fehma taghna, ghandu dizabilita permanenti li nistmawha ta' sittin fil-mija (60%).

Dan ir-rapport mhux attakkat ghax fis-seduta tat-18 ta' April 2013, il-konvenuti irrunzjaw ghat tal-ba taghhom ta' periti perizjuri.

Hemm imbaghad rapport tal-esperti psikologici addizjonali Daniela Mercieca, Nadya Abdilla u Antonella Mizzi riportat a fol. 544 tal-process (wara l-ewwel rapport tal-espert psikologiku Dr. Elena Tanti Burlo) li jirrigwarda assessment psikologiku ta' Nicholas Stivala tenut kont fost affarijiet ohra tad-disabilita fizika tieghu. Huma jikkonkludu hekk:
Nicholas jghix hajja kemmxejn limitata minhabba l-limitazzjonijiet psikologici, socjali, intelletwali u fizici. L-incident mhux biss hall a effetti fuq partijiet ta' mohhu u gismu imma wkoll fuq l-istima tieghu nnifsu, kif ukoll il-familja tieghu. Nicholas jghid li qabel "kien sura" u ma jridx min jarah bhala 'disabled'. B'hekk certu servizzi li huwa eligibbli ghalihom biex jghinuh ez: LANDS, Art therapy mill-Inspire, anke biex johrog u jiltaqa' man-nies, ma juzahornx ghax iservu biex aktar ihoss id-diffikultajiet tieghu,. L-effetti tat-telfiet li garrab minhabba l-incident ghadhom qed jaffettwawh hafna u din tidher fl-imgieba tieghu, fl-istima li hu ghandu lejh innifsu u anke kif jissocjalizza man-nies.

Dan l-assessment juri stampa tal-effetti psikologici u socjali fuq Nicholas u anke fuq dawk ta' madwaru. Ghalkemm Nicholas kapaci jikkomunika, jiehu hsieb tal-igjene tieghu u jsegwi struzzjonijiet, jidher car li hemm

diversi diffikultajiet ohra fl-imgieba impulsiva tieghu, il-mod kif jissocjalizza, id-diffikulta' biex izomm xoghol, id-diffikulta' biex jippartecipa f'attivitajiet socjali, biex ikun independenti, kif ukoll in-nuqqas ta' stima tieghu nnifsu li zviluppat minhabba d-dehra tieghu u l-limitazzjonijiet tieghu. Ezempju car ta' dan hu l-ahhar impjieg li kellu. Jidher li ghandu bzonn il-medicina biex ikun jista' jikkontrolla aktar lilu nnifsu. Id-diffikultajiet fizici tieghu ukoll ifissru li Nicholas ghandu bzonn ta' numru ta' 'adaptations' biex jkun jista' jiffunzjoni fil-hajja ta' kuljum bhal ghodda specjalizzata fil-kcina li tghinu jahdem b'id wahda. Ghaldaqstant dawn il-limitazzjonijiet tieghu huma ta' 80%.

F’kazijiet bhal dawn tintuza mill-Qrati taghna d-duttrina tal-‘weighted average’ biex jigi deciz d-dizabilita globali tal-persuna li sofriet dannu. Il-Qorti ghandha diskrezzjoni f’din il-materja pero meta tqis l-eta zghira ta’ Nicholas Stivala, il-limitazzjonijiet fizici u psikologici li garrab u ser jibqa’ igarrab fil-futur u l-prospetti personali u lavorattivi tieghu fil-hajja tenut kont ta’ dawn il-limitazzjonijiet gravi ppruvati, il-Qorti tqis illi l-grad ta’ dizabilita ghandu jkun ta’ tmenin fil-mija (80%).

Jirrizulta illi l-ahhar impjieg li kellu ma zammux kif jirrizulta mir-rapport tal-espert psikologici u mhux facli li jzomm impjieg. Il-Qorti ma ghandhiex bazi ta’ qliegh disponibbli u l-limitazzjonijet ta’ Nicholas huma tali li mhux probabbli li ser ikollu gainful employment fiss jew ta’ natura lukrativa. Mill-banda l-ohra, aktar ma jikber, aktar ser ikollu bzonn assistenza ghaliex id-dipendenza fuq il-genituri maz-zmien ser tispicca minhabba cirkostanzi naturali tal-hajja. Il-Qorti tqis li l-minimu wage bhalissa hi ta’ €162.19 fil-gimgha. Il-Qorti tqis li tenut li Nicholas ghad ghandu 20 sena, il-bazi ta’ qliegh ghandju jkun €200 fil-gimgha biex jaghmel tajjeb ghaz-zidiet tul iz-zmien.

In kwantu ghal multiplier il-Qorti tqis li ghandha tadopera l-multiplier li tqis l-aktar gust fic-cirkostanzi u dan ghandu jkun ta’ 35 sena.

Kwindi applikati dawn il-fatturi d-danni subiti qua lucrum cessans minn Nicholas Stivala hu ta’ €10,400 (€200 fil-gimgha) x 35 sena x 80% = €291,200.

Il-Qorti ma tqis li ghandu jkun hemm tnaqqis ghal lump sum payment billi ghaddew diversi snin milli bidet il-kawza fis-sena 2000 u l-attur ma ghandu ebda htija ghal dan it-tul.

Ma saru ebda provi dwar damnum emergens u ghalhekk ma hemmx somma x’tigi likwidata.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa’ t-talbiet attrici billi tiddikjara li Lorenza u Francis konjugi Dimech huma responsabbli ghal kwart mill-htija filwaqt li Bambi’s Playschool Limited hi responsabbli ghal tlett kwarti mill-htija ghall-incident li sofra Nicholas Karl Stivala; tillikwida d-danni sofferti fis-somma ta’ mitejn u wiehed u disghin elf u mitejn euro (€291,200); u tikkundanna lil konvenuti konjugi Dimech ihallsu kwart mis-somma likwidata u lis-socjeta Bambi’s Playschool Limited tlett kwarti mis-somma likwidata, bl-ispejjez jinqasmu bejn il-konvenuti fl-istess kwoti tar-responsabilta, u bl-imghax li jibda jiddekorri mis-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------